Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 301/2014/1

**George Mario Attard [I.D. 42386 G] (appellat)**

**Vs**

**Chiara Micallef [I.D. 338684 M] (appellanta)**

28 ta' April, 2017.

**Il-Qorti,**

**Rat illi:**

1. Permezz ta' Avviż ta' Talba ppreżentat fit-30 t'April 2014 quddiem it-Tibunal Għal Talbiet Żgħar, l-appellat Geroge Mario Attard, ppremetta li tqabbad mill-konvenuta appellanta jagħmel xogħol ta' *design* u *illustration*, liema xogħol tlesta a sodisfazzjoni tal-konvenuta iżda hija rrifjutat li tħallsu għaliex ippretendiet ix-xogħol b'xejn.

2. Permezz ta' risposta ippreżentata fl-4 ta' Lulju 2014, il-konvenuta wieġbet:

> *"Illi fl-ewwel lok dan it-tribunal m'għandux kompetenza;*
>
> *Illi l-attur irid jikkwantifika l-ammont li qed jitlob;*
>
> *Illi t-talbiet miġjuba huma ffondati fil-fatt u d-dritt;*
>
> *Illi l-konvenuta tiċħad kategorikament li hemm xi ammont dovut;*
>
> *Bl-ispejjez inkluż dawk tar-risposta ta' l-ittra uffiċjali u bl-imgħaxijiet legali kontra l-attur li jinsab minn issa nġunt għas-subizzjoni."*

3. Permezz ta' sentenza datata 16 ta' Dicembru, 2014 it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar iddeċieda billi, filwaqt laqa' t-talba attriċi limitatament għas-somma komplessiva ta' erba' mija u ħamsin ewro (€450),[1] ċaħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta u kkundannaha tħallas is-somma ta' erba' mija u ħamsin ewro (€450) lill-attur bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjeż jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

---

[1] €100 għal żewġ designs (applikat l-iskont ta' 20%) u €350 għad-drittijiet ta' użu u *print* tad-disinn

4. Illi l-intimata ħasset ruħha aggravata mid-deċiżjoni surriferita u b'hekk appellat minnha quddiem din il-Qorti. L-aggravji tagħha huma s-segwenti:

> 1. *'Dwar l-istampi, il-konvenuta appellata tħoss li m'għandix tħallas għaż-żewg stampi li originarjament ordnat għaliex l-istampi li rċiviet huma biss proposals u saħansitra ma kienux skond l-iskop tal-brief.*
>
> 2. *Dwar il-ħlas ta' tlett mija u ħamsin ewro (€350) għad-drittijiet u użu u print tad-disinji, l-Onorabbli Tribunal kellha tieħu in konsiderazzjoni illi l-attur appellat ma kienx ser jiċċarġja dan l-ammont kif joħroġ ċar mill-Invoice No. 112, (inġieb quddiem l-Onorabbli Tribunal), fejn jgħid "Rights given for free." Anke jekk, bla preġudizzju, wieħed jikkunsidra dan bħala discount offrut mill-attur appellat, l-Onorabbli Tribunal ħadet in kunsiderazzjoni d-discount fuq l-istampi offrut fuq l-invoice mill-attur appellat, u hekk kellha wkoll tieħu in kunsiderazzjoni dan id-discount u tnaqqas dan l-ammont.*
>
> 3. *Illi anke jekk, bla preġudizzju, il-konvenuta appellanta kellha taċċetta li għandha tħallas għad-drittijiet u użu u print tad-disinji, is-somma trid tkun applikabbli (pro rata) għal żewġ disinji u mhux ta' seba' disinji li jammontaw għal tlett mija u ħamsin ewro (€350) applikabbli.'*

5. Illi l-attur appellat, debitament notifikat bir-rikors tal-appell u bl-avviż ta' smiegħ permezz tal-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni ma rrispondiex.

**Ikkunsidrat:**

6. Illi l-Artikolu 8 tal-Att dwar it-Tribunal għal Talbiet Żgħar jipprovdi li għall-dritt ta' appell minn deċiżjoni tat-Tribunal. Fil-każ fejn l-ammont in kwistjoni ma kienx iktar minn €1,164, appell seta' jsir biss fil-każijiet kontemplati f'subinċiż (2). Mill-provi rriżulta li l-ammont in kwistjoni kien €840 (ara verbal tal-11 ta' Diċembru 2014 u l-kont a fol. 18).

7. Il-ġurisprudenza kopjuża in materja tgħallem li, '*ma jidhirx li huwa possibbli li jsir minn din il-Qorti eżerċizzju ta' reviżjoni tal-fatti jew li tissindika l-apprezzament dwarhom mit-Tribunal adit. "Għalhekk isegwi li l-kompitu ta' din il-Qorti għandu jkun ristrett għall-eżami akkurat tas-sustanza tal-appell biex jiġi kkunsidrat qabel kollox jekk l-istess appell jinkwadrax ruħu fil-parametri tal-limiti tal-appellabilità previsti mil-liġi, għaliex jekk ma jinkwadrax ruħu f'dawn il-parametri, allura d-dover ta' din il-Qorti huwa li tiddikjara l-istess appell bħala irritu u null" **John Attard -vs- Charles Agius,** Appell 14.06.2001'*[2]

8. Illi '*naturalment, **l-assenza ta' sollevar tal-preġudizzjali tal-inappellabilità minn xi ħadd fost il-kontendenti ma twaqqafx lil din il-Qorti milli tqajjimha hi stess.** Hu, di fatti, prinċipju kondordi u assodat illi din il-Qorti ta' reviżjoni għandha mhux biss id-*

[2] ***Chircop Stephen vs Caruana Mary Gracy***, Qorti tal-Appell, 28.04.2004.

*dritt iżda, ukoll, id-dmir li tiddikjara ex officio l-inappellabilità tad-deċiżjoni fejn il-każ hekk jesiġi. Dan għaliex il-prinċipju hu wieħed ta' ordni pubbliku u l-Qorti ma tistax tassumi ġurisdizzjoni li m'għandiex.*[3]

9. Illi effettivament, l-eċċezzjoni dwar l-appellabilità tas-sentenza tat-Tribunal tqajjmet *ex officio* minn din il-Qorti fl-udjenza tad-29 ta' Novembru 2016.[4]

10. Eskluża l-applikabilità tas-subinċiż (3) tal-Artikolu 8 tal-Kap. 380 surriferit għar-raġuni li l-ammont in kwistjoni hu inferjuri għas-somma speċifikata f'dak is-subinċiż, jinsab dispost bis-subinċiż (2) tal-istess artikolu illi appell lil din il-Qorti jista' jsir biss f'dawn il-każijiet:

> '*(a) fuq kull ħaġa li jkollha x'taqsam mal-ġurisdizzjoni tat-Tribunal;*
>
> *(b) fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni;*
>
> *(ċ) fuq kull nuqqas ta' tħaris tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 7(2);*
>
> *(d) meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami tal-imparzjalità u tal-ekwità skont il-liġi u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella.*'

11. Illi '*minn dan jitnissel li mhux konsentit lil din il-Qorti li tikkunsidra u tiddeċiedi appelli li jkunu bażati fuq aggravji li ma jinkwadrawx ruħhom taħt xi wieħed mis-subparagrafi tas-subinċiż (2) appena esposti.*[5]

12. Illi l-ebda wieħed mill-aggravji fl-appell odjern la għandu x'jaqsam mal-ġurisdizzjoni tat-Tribunal; la jirrigwarda kwistjoni ta' preskrizzjoni u lanqas nuqqas ta' tħaris tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 7(2).

13. Minkejja li l-appellanta strettament naqset milli tiċċirkoskrivi speċifikament l-appell tagħha għar-raġuni indikata fil-paragrafu (d) tal-Artikolu 8(2), din il-Qorti jidrilha li huwa xieraq teżamina jekk l-appell jinkwadrax ruħu taħt dan il-paragrafu tas-subartikolu 8(2) tal-Kap. 380.

14. Din il-Qorti kemm-il darba tenniet li, "***X'fehem, jew x'seta' fehem it-Tribunal, anké jekk ma taqbilx mal-apprezzament li sar fir-rigward tal-provi, dan jeżorbita mill-attenzjoni u skrutinju ta' din il-Qorti jekk, oġġettivament, ma jirriżultax*** *- u del resto, lanqas dan ma ġie hekk aċċennat mill-appellant – illi kien hemm ksur tad-dritt ekwattiv. Jekk hemm bżonn jiġi ripetut, il-Qorti f'każijiet ta' din ix-xorta marbuta mal-parametri stretti tal-liġi fejn jikkonċerna d-dritt t'appell.*'[6]

---

[3] ***Camilleri Mark v Micallef James Clifford,*** Qorti tal-Appell, 09.07.2007.
[4] Fol. 24 tal-proċess tal-appell.
[5] ***Malitraco Limited v Fortress Insurance Limited***, Qorti tal-Appell, 11.01.2006.
[6] ***Awtorità Marittima ta' Malta v Avallone Ray***, Qorti tal-Appell, 26.06.2009.

15. L-ewwel aggravju, fejn l-appellanta tilmenta li m'għandiex tħallas għal żewġ stampi, *"għaliex l-istampi li rċeviet huma biss proposals u saħansitra ma kinux skont l-iskop tal-brief"*, hu ċensura tal-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal. F'kull kaz jirriżulta li f'email datata 9 ta' Frar, 2013 kienet l-istess konvenuta li talbet lill-attur biex igharrafha xi ħlas kien dovut lilu. Il-kelma *'couple'*, fil-każ in eżami, ma kinitx qegħda tfisser żewġ diżinji biss. Tant hu hekk li qabel ma nqala' d-diżgwid, mill-korrispondenza ma jirriżulta li l-konvenuta qatt semmiet li riedet biss żewġ diżinji. Saħansitra meta permezz ta' email datata 13 ta' Novembru, 2012 l-attur bagħatilha s-sebgħa diżinji, (fol. 33) il-konvenuta qaltlu:

*"Wow Gorg !*

*I Love them !!!! Number 6 and 7 are my favourites.... Prosit ! X"*.

Inoltre, l-qorti diffiċli temmen li l-konvenuta riedet biss żewġ diżinji mingħand l-attur, meta tqies li dawn ridithom sabiex jiġu pprintjati fuq t-shirts biex jinbiegħu.

16. Illi fit-tieni aggravju imbgħad l-appellanta tilmenta minn dik il-parti tas-sentenza fejn ġiet ordnata tħallas tlett mija u ħamsin ewro (€350) għad-drittijiet ta' użu u print tad-diżinji. Hi tilmenta li mill-provi prodotti, senjatament l-invoice datata 4 ta' Marzu 2013,[7] jirriżulta li dawn ir-*rights* kienu qed jingħataw lill-konvenuta b'xejn.

17. Illi jinsab deċiż illi "*l-ġustizzja u l-ekwita` jirrikjedu illi d-deċiżjoni tat-Tribunal tkun bażata fuq il-fatti provati. Filwaqt li din il-Qorti ta' reviżjoni ma għandhiex il-kompetenza biex tissindika deċiżjoni ta' fatt li jkun wasal għaliha t-Tribunal in kwantu din hi materja ta' kompetenza esklussiva tiegħu, din il-Qorti ma hix eskluża mill-funzjoni li tiddeċiedi jekk tali deċiżjoni ta' fatt kinitx tirrifletti l-ġustizzja sostantiva u l-ekwità. Ġustizzja sostantiva li fil-verità trid tkun bilfors konfortata b' modiku ossia minimu ta' fatt provat. **Huwa wkoll prinċipju ta' ġustizzja naturali illi l-ġudikant għandu jiddeċiedi iuxta allegata et probata u ma jistax jiddeċiedi manifestament u ovvjament kontra dak li ġie quddiemu provat**" – "**Carmel Gerada -vs- Charles Borg Barthet (Beta Centre)**", Appell, 29 ta' Jannar 1999*".[8]

18. Illi hu evidenti li t-Tribunal naqas għal kollox milli jikkunsidra l-fatt li fil-kont numru 112 datat 4 ta' Marzu, 2013 (fol. 18), li hu l-uniku kont li ħareġ, is-somma ta' €350 bħala *'rights for free'* ġiet imnaqqsa. Mela l-attur ma kienx qiegħed jippretendi ħlas għall-użu tad-diżinji li għamel. Fis-sentenza t-Tribunal qal li l-konvenuta għandha tħallas €100 bħala

[7] Fol. 18 u fol. 53 tal-proċess.
[8] ***Jennifer Hubbers v Rite Mix (Gatt Bros) Ltd.***, Qorti tal-Appell, 26.01.2005.

prezz ta' żewġ diżinji, u *"tlett mija u ħamsin ewro (€350) għad-drittijiet u użu u print tad-diżinn"*, mingħajr ma kkunsidra jekk l-attur kellu jedd li jirtira d-*discount* li minn jeddu kien ta lill-konvenuta.

19. Ġialadarba t-Tribunal naqas milli jikkunsidra l-aspett tad-*discount* li ngħata mill-attur u jekk l-attur kellux dritt li jirtirah, din il-qorti tqies li hemm nuqqas fis-sentenza tat-Tribunal u ghalhekk ser tħassarha.

20. Il-qorti tgħaddi issa biex tiddeċiedi l-meritu (artikolu 8(4) tal-Kap. 380), u ma' dak li diġa' ngħad iżżid:

   i. L-attur għamel seba' dizinji differenti li kollha ġew aċċettati mill-konvenuta. Għalhekk għandu jedd li jitħallas għax-xogħol kollu li għamel. Jekk għall-grazzja tal-argument biss il-konvenuta riedet tuża biss tnejn mid-diżinji, ix-xogħol xorta sar u kien aċċettat mill-konvenuta. Kien biss wara li rċeviet il-kont li b'email datata 21 ta' Marzu 2013 (fol. 37) infurmat lill-attur li ma tridhomx.
   ii. L-attur talab il-ħlas li kellu jitlob fil-kont li ħareġ, numru 112 datat 4 ta' Marzu 2013. Fil-kont m'għamel ebda riżerva li d-discount inghata soġġett għal kondizzjoni li l-ħlas isir sa data definita. M'għandux ikun li għaliex inqala' diżgwid l-attur jibdel fehemtu u jippretendi l-ammont sħiħ. Dan ma kienx każ fejn per eżempju sar żball fil-kont. Fil-fehma tal-qorti l-ekwita' kienet titlob li t-Tribunal jiddeċiedi a bażi tal-kont li nħareġ mill-attur stess.
   iii. Għalkemm il-konvenuta qalet li lill-attur qaltlu mill-bidunett li l-budget taghha kien ta' €100, il-qorti ma temminx din il-verżjoni. Hu veru li l-kontendenti kienu jafu lil xulxin għaliex jahdmu fl-istess post tax-xoghol, pero' l-qorti ma ssib xejn kredibbli li l-attur kien ser jagħmel seba' diżinji jekk il-konvenuta qaltlu mill-bidunett li għandha budget daqstant miżeru. Dan iktar u iktar meta l-konvenuta ridithom sabiex tagħmel użu minnhom għan-negozju. Fil-fatt fl-email tal-21 ta' Marzu, 2013 (fol. 37) li l-konvenuta baghtet lill-attur b'riferenza ghall-kont, ma semmietx li l-budget li kellha kien ta €100.

**Għal dawn il-motivi:-**

1. **Tħassar is-sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tas-16 ta' Diċembru, 2014.**
2. **Tiddeċiedi l-meritu billi sa fejn kompatibbli ma' din is-sentenza tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta u tilqa' t-talba tal-attur limitatatment għas-somma ta' tlett mija u ħamsin ewro (€350). Tikkundanna lill-konvenuta tħallas din is-somma lill-attur bl-imghax mid-19 ta' Marzu 2013[9].**

[9] In-negozju hu kummerċjali u l-kont intbaghat lill-konvenuta fid-19 ta' Marzu, 2013 permezz ta' email (fol. 37).

3. **Spejjeż taż-żewg istanzi jinqasmu in kwantu għal 70% a karigu tal-konvenuta u 30% a karigu tal-attur.**

Anthony Ellul.